# KNEJJES U KAPPELLI DEDIKATI LID-DULURI

## IS-SANTWARJU TA' RHO FIL-LOMBARDIJA DEDIKAT LIL MARIJA ADDOLORATA.



Santwarju dedikat lil Marija Addolorata jinsab gewwa Rho fil-Lombardija fejn qabel kien hemm kappella dedikata lill- Madonna tas-Silg. F'din il-kappella kien hemm affresk li juri l-Pieta', jew ahjar lil Marija Addolorata,  li igib id-data fil-bidu tas-seklu XVI.

Fl-24 ta' April 1583, xi nies tal-lokal irrapurtaw li kien raw il-Vergni ta' l-affresk tikbi biki tad-demm.

Wara ezami profond, l-arcisqof Karlu Borromeo ried li jimbena Santwarju biex jibqa' imfakkar dan il-miraklu u wkoll bhala sinjal biex jibqa' haj il-kult marjan. Kien l-arcisqof Borromeo li personalment qieghed l-ewwel gebla tal-Bazilka fis-6 ta' Marzu 1584, tmien xhur biss qabel ma miet, wara li ikkumissjona l-progett lill- Perit Pellegrino Tibaldo, l-id il-leminija fir rinnovament ta' l-arkitettura ekklezjastika fid-djocesi.

Fis-sena 1586 is-Santwarju li kien ghadu fi stadju ta' kostruzzjoni, fil-prezenza ta' l-arcisqof Gaspare Visconti,  infetah ghall- kult publikku u l-affresk tal-miraklu gie mehud u mqieghed fuq l-artal magguri, fejn ghadu sal-lum.

Mal-medda taz-zmien il-bini ikkrolla, izda mill-gdid gie mibni fl-ewwel kwart tas-seklu XVII. Fl-4 ta' April 1755 il-knisja gie konsagrata mill-Kardinal Guzeppi Pozzo Bonelli lir-Regina tal-Martri.

It-tempju gie dekorat u mzejjen minn diversi benefatturi nobbli u sinjuri, fosthom il-familja Simonetta, Crivetti, Visconti u Turri, li taghhom wiehed jista jara l-istemma tal-familji taghhom sponuti fit-truf ta' l-artali.

Bil-migja tal-millenium il-gdid bdew xoghlijiet ta' restawr fuq dan it-tempju billi biddlu l-impjant tad-dawl, saru restawri ohra fil-kappella ta' San Guzepp, dik ta' San Karlu u ta' San Gorg.